MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Avviz Numru. 127/2005

**PANTA MARKETING & SERVICES LIMITED**

**v.**

**EURO CHEMIE PRODUCTS LIMITED**

**Il-Qorti;**

Rat li s-socjeta attrici pprezentat avviz fir-Registru ta' din il-Qorti nhar t-tmienja ta' Marzu 2005, fejn tablet lil Qorti sabiex tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha l-ammont ta' elf tmien mija u sitta w sebghin lira maltin u sitta w erbghin centezmu [LM1,876.46], rapprezentanti prezz ta' prodotti kimici mibjugha w ikkonsenjati lilha mis-socjeta attrici, kif ukoll xoghol fuq sistema ghat-trattament tal-ilma, maghmul mis-socjeta attrici fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-avviz u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Is-socjeta konvenuta kienet wkoll ingunta in subizzjoni.

Illi permezz ta' nota ta'eccezzjonijiet pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-hdax ta' April 2004, is-socjeta konvenuta eccepiet s-segwenti:

1. Illi l-azzjoni hija llum preskritta stante li ghaddew aktar minn tmintax [18] il-xahar mid-data tal-allegata konsenja u xoghol [artikolu 2148(a) u (b)].

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mhux dovut stante li ma sar xejn.

3. Illi l-konvenut qatt ma rcieva eba notifika legali w ufficjali mill-Qrati qabel dan l-avviz.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti processwali w ezaminat bir-reqqa kollha d-dokumentazzjoni esibita.

Semghet l-provi prodotti mill-partijiet.

Semghet il-kontendenti tal-partijiet jittrrattaw l-kawza u jawtorizzaw lil Qorti tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi prodotti.

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta attrici talab korrezzjoni fl-avviz fis-sens illi jigu kancellati l-kliem "kif ukoll xoghol fuq sistema ta trattament tal-ilma, maghmul lilek mis-socjeta attrici fuq inkarigu tieghek stess."

Rat illi l-Qorti diversament preseduta b'digriet taghha tas-16 ta' Novembru 2005 kienet laqghet it-talba attrici u awtorizzat l-korezzjoni kif mitluba u billi lanqas ma tippregudika t-talba attrici ghal prezz tal-prodott kimici mibjughin, ezentat lill-atturi minn notifika mill-gdid tal-avviz u iddecidiet li kien bizzejjed ghal konvenuti li jiehdu konjizzjoni ta' dak li gie verbalizzat f'din l-istess seduta.

Rat illi l-atti ta' din il-kawza gew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar 30 ta' Jannar 2007 meta l-provi kienu diga kollha migbura.

Semghet lill-Avukat jittrattaw l-kaz fis-seduta tas-7 ta' Marzu, 2007.

Ikkunsidrat:

**Michael Damato,** manager fid-dipartiment tat-trattament tal-ilma fi hdan din is-socjeta attrici xehed nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Mejju 2006 u spjega li s-socjeta konvenuta kienet taghmel diversi ordnijiet mas-socjeta attrici ghal kimika Alkalase.

Illi permezz ta' nota ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar t-tnax ta' Ottubru 2006, s-socjeta attrici ppresentat tlett dokumenti li gew immarkati bhala PM 1, PM 2 u PM 3 li huma l-korrispondenza li s-socjeta attrici baghtet lis-socjeta konvenuta meta interpellata ghall-pagament li kien dovut lilha u dan fl-ammont ta' elf tmien mija sitta u sebghin lira u sitta u erbghin centesmu (Lm1876.46). Ix-xhud spjega ukoll li s-socjeta attrici kienet ukoll baghtet dokumentazzjoni tal-prodott in vendita lis-socjeta konvenuta mal-konsenja tal-kimika (vide Dok. MD1 fol. 30).

**Diego Attard,** prodott mis-socjeta attrici xehed nhar 24 ta' Mejju 2006 spjega kif hu fil-kapacita ta' *credit controller* u *debt collector* tas-socjeta attrici spjega kif is-socjeta konvenuta kienet irceviet *drums* ta erbghin kilo ta' kimica Alkase minghand is-socjeta attrici u li kienet iffirmat ghalihom kif jirrisulta mid-dokumenti iffirmati minnha (Dok DA 1 sa DA 13 fol.9 et seq). Ikkonferma ukoll li Chris Vella impjegat iehor tas-socjeta attrici kien qallu fis-26 ta' Novembru 2003 li s-socjeta konvenuta riedet aktar *drums* pero huwa kien ta' struzzjonijiet sabiex ma jfornuwiex b'aktar *drums* qabel ma thallas il-kont li kellha pendenti maghhom. Dan kollu huwa kkonfermat mid-dokumenti DA 14 sa DA16. Stqarr li s-socjeta attrici qatt ma kellha ilmenti li l-prodott ma kienx ta' kwalita tajba. Ikkonferma

ukoll li l-ewwel bejgh sar fit-30 ta’ Settembru 1999 u qabel din id-data ma kienx hemm bejgh iehor u ghalhekk ma setax kien li l-konvenuti ghamlu xi pagamenti qabel dik id-data.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konsenji tal-oggetti mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta saru bejn Settembru, 1999 u Settembru, 2000 u dan kif jirrizulta mid-Dok. DA 1 esebit mill-attur u mhux kontestat mill-konvenut.

Illi s-socjeta konvenuta fl-ewwel eccezzjoni taghha eccepiet il-preskrizzjoni ai termini ta’ l-artikolu 2148(a) u (b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan l-artikolu tal-Ligi jipprovdi illi:

**2148.** L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ tmintax-il xahar:

(*a*) l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, arġentieri, arluġġara u ta’ persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz ta’ l-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu;

(*b*) l-azzjonijiet ta’ kredituri għall-prezz ta’ merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut;

Dwar l-ewwel ipotesi u cioe dak li hemm kontemplat fl-artikolu 2148(a) tal-kap. 16, il-Qorti tirrileva illi s-socjeta attrici ma tikkwalifikax bhala persuna li tezercita wahda mis-snajjiet hemm imsemmija u ghalhekk zgur li din il-preskrizzjoni ma hijiex applikabbli.

Illi dwar it-tieni ipotesi, din il-Qorti tirrileva illi minn imkien ma jirrizulta illi l-merkanzija li bieghet is-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta giet mibjugha bl-imnut. Dwar x’jikkonsisti “bl-imnut”, il-Qorti tirreferi ghal sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet Pace Associates Limited vs Drawing Techniques Limited deciza fis-7 ta’ Dicembru, 2005 fejn intqal illi “*fil-kaz ta’ bejgh “bl-imnut” huma kontemplati dawk kollha, kummercjanti jew le, li jbieghu oggetti ta’ konsum gjornaljier, tant lil min hu kummercjant kemm lil min mhux.*

*(Ara **Kollez. Vol. XLV P III p 813**). Dan ifisser li fl-Artikolu 2148 (b) il-ligi taghna tipprexxindi mill-kwalita` tal-persuni u anzi ma tharesx lejn dik li tista' tkun abitwalment il-professjoni tan-negozjant imma thares lejn il-vendita partikulari in kwestjoni per se (**Kollez. Vol. XLVIII P II p 959**);*

L-istess Qorti ta' l-Appell kompliet tghid illi "*L-istess gurisprudenza tistabbilixxi mbaghad il-kriterju distintiv fundamentali bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa billi tafferma illi fejn il-prezz reklamat huwa ghall-merce destinata biex dik tigi rivenduta jew manifatturata f'opra (**Kollez. Vol. XXIII P I p 909**) jew fejn wiehed ibiegh lil persuni li jinnegozjaw fil-merce mibjugha u dan fi kwantita apprezzabbli, allura l-bejgh hu wiehed bl-ingrossa ("**Giuseppe Borg -vs- Dr. Giovanni Bonello et nomine et**", Appell Civili, 22 ta' Gunju 1970). Ghalhekk il-grossista "vende per lo piu` a coloro i quali commerciano della cosa comprata" mentri l-imnutant "vende per lo piu`a compratori e in piccole quantita misurata al bisogno di costoro" (Vol. XXI P III p **235**). Fl-ewwel kaz il-kreditu hu soggett ghall-preskrizzjoni kwinkwennali stabbilita` fl-Artikolu 2156 (f), fil-kaz tat-tieni, ghall-preskizzjoni ta' tmintax-il xahar kif provvdut fl-Artikolu 2148 (b)*".

Il-Qorti ghalhekk qeghda tichad din l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta.

Dwar it-tieni eccezzjoni jinghad illi din kienet qeghda tirreferi ghal-parti ta' l-avviz li qabel ma gie emendat bil-verbal tas-16 ta' Novembru, 2005 kien jaqra "*kif ukoll xoghol fuq sistema ghat-trattament ta' l-ilma, maghmul lilek mis-socjeta attrici fuq inkarigu tieghek stess*". Illi galadarba illum il-gurnata, l-istess socjeta attrici kienet talbet li dan il-kliem jigi kancellat, allura din l-eccezzjoni ma treggiex izjed.

Illi dwar it-tielet eccezzjoni jinghad illi s-socjeta attrici ma resqet l-ebda prova ta' xi interpellazzjoni ufficjali u ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha mis-sewwa.

Dwar il-mertu jinghad illi s-socjeta konvenuta verament irceviet l-oggetti mibjugha lilha mis-socjeta attrici u irceviet intimazzjoni ghal hlas, haga li pero, skond ma jirrizulta mill-provi baqghet qatt ma ghamlet.

GHALDAQSTANT, il-Qorti filwaqt li qeghda tilqa t-tielet eccezzjoni, qeghda tirrespingi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, kif formulata, kif ukoll qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eccezzjoni, u konsegwetment, qeghda tilqa t-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta’ elf tmien mija u sitta u sebghin liri Maltin u sitta u erbghin centezmu (LM1876.46) bl-imghaxijiet skond il-ligi.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jithallsu kollha mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------